**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 126**
**L-Erbgħa, 24 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MOSTA – XOGĦOL FI TRIQ IL-KBIRA**

**8579. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa x-xogħol kollu li sar fi Triq il-Kbira, il-Mosta?

08/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta wettqet ir-rikostruzzjoni totali tat-triq u l-kuntrattur implimenta xogħlijiet fuq talbiet minn diversi entitajiet oħra għall-aġġornament tal-infrastruttura l-antika u bil-ħsara, li kienu eżistenti taħt it-triq. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu, sistema ġdida tal-ilma tax-xita, sistema ġdida ta' drenaġġ u konnessjonijiet ġodda tad-drenaġġ ta' kull residenza fit-triq, dual potable mains u konnessjoni tad-djar ġodda, cables ġodda tat-telekomunikazzjoni, cables tal-elettriku ġodda tal-Enemalta, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, inklużi l-mogħdijiet tal-Hard Stone fin-naħa t'isfel tat-triq, it-tisħiħ tas-sotto-bażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Il-kont finali għal dawn ix-xogħlijiet kollha flimkien ma' dak tal-entitajiet l-oħra għadu qed jinġabar. Madanakollu Infrastructure Malta qed tistma li l-ispiża totali ta' dawn ix-xogħlijiet se tkun ta' madwar 1.95 Miljun ewro.

Seduta 126
24/05/2023

**MOSTA – XOGĦOL FI TRIQ IL-KBIRA**

**8580. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġie jiswa x-xogħol kollu li sar fi Triq il-Kbira, il-Mosta?

08/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**DĦUL MINN ĊITAZZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**8581. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu ppjanat li jsir bil-flus li se jdaħħal il-Gvern minn fuq iċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku fis-sena 2023? Jista' jgħid lil min se jkun qed jgħin b'dawn il-fondi?

08/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Aġenzija LESA hija impenjata sabiex tkompli tinvesti lura fil-komunitajiet il-fondi li jiġu ġenerati mit-taħrikiet. Fost dawn ser ikompli sħubija mal-Kunsilli Lokali u dawk reġjonali sabiex jitwettqu diversi proġetti u inizjattivi fil-komunitajiet tagħna.
Ukoll, riċentement ġie ffirmat ftehim bejn l-Aġenzija LESA u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li permezz tiegħu l-Aġenzija LESA se tkun qed tgħaddi €600,000 fuq sentejn lill-Kumitati Reġjonali biex dawn ikunu għad-dispożizzjoni u jintużaw mill-kunsilli lokali u mill-għaqdiet volontarji fid-diversi lokalitajiet Maltin u Għawdxin. B'hekk dawn jiġu megħjuna fl-ispejjeż marbuta ma' ħlasijiet ta' Pulizija, uffiċjali tal-LESA u l-Protezzjoni Ċivili waqt attivitajiet kulturali u oħrajn li jiġu organizzati minn żmien għal żmien.
Ukoll, l-Aġenzija LESA allokat miljun ewro sabiex jintużaw f'kampanji u edukazzjoni kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Seduta 126
24/05/2023

**ŻWIĠIJIET ĊIVILI**

**8582. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7749, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm kien hemm żwiġijiet ċivili fl-2022?

08/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fis-sena 2022 saru 1,216 żwiġijiet ċivili li ġew reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u 68 li ġew reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex.

Seduta 126
24/05/2023

**ŻWIĠIJIET BEJN KOPPJI TAL-ISTESS SESS**

**8583. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7750, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm kien hemm żwiġijiet bejn koppji tal-istess sess fl-2022?

08/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fis-sena 2022 saru 94 żwiġijiet bejn koppji tal-istess sess u ġew reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u 6 żwiġijiet li ġew reġistrati fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex.

Seduta 126
24/05/2023

**BUĠIBBA – SHELTER BĦALA LQUGĦ MIX-XEMX GĦAŻ-ŻWIEMEL**

**8717. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8500, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu, u jieħu l-passi neċessarji biex ix-shelter maħsub bħala lqugħ mix-xemx għaż-żwiemel qrib il-Pjazza ta' Buġibba jiġi rranġat u miżbugħ qabel ma ssirlu iktar ħsara?

15/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi d-domanda tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**AĠENZIJA TAL-QRATI – PRELIMINARY MARKET CONSULTATION**

**8735. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-Preliminary Market Consultation li ħarġet l-Aġenzija tal-Qrati 'Proposal for Available Property or Land for Outright Acquisition in Victoria (Rabat) Gozo or in the Vicinity of Victoria (Rabat) Gozo to be Converted into Gozo Court' li għalqet fis-6 ta' Jannar 2023? Jista' jgħid jekk il-proposti mitfugħa ġewx evalwati u tħejjiex rapport fuq dawn il-proposti u jekk iva, iqiegħed ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

15/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-evalwazzjoni tal-proposti mitfugħa għadha għaddejja.

Seduta 126
24/05/2023

**XEWKIJA, GĦAWDEX – TRIQ IL-QLUGĦ - XOGĦOL**

**8736. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14301 li ngħatat fis-27 ta' Mejju 2020 dwar il-bini mill-ġdid ta' Triq il-Qlugħ fix-Xewkija, Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb li "wara li tlesta l-proċess tas-sejħa għall-offerti mill-Ministeru għal Għawdex (CT2075/2019), saret konsultazzjoni mal-istess Ministeru u l-Malta Industrial Parks Ltd u entitajiet oħrajn b'rabta mas-servizzi, fejn ġew mitluba pjanti eżistenti tas-servizzi kif inbnew fiż-żona. Wara dan il-proċess, Malta Industrial Parks Ltd ġew informati li l-kuntrattur għandu jibda x-xogħol fil-jiem li ġejjin" , jista' l-Ministru jgħid jekk Triq il-Qlugħ fix-Xewkija, Għawdex, li kellha tinqala' u tinbena mill-ġdid matul is-sena 2019 sarx ix-xogħol fuqha u tlestietx u jekk le, x'inhuma r-raġunijiet li ma bediex u ma tlestiex ix-xogħol fuq l-imsemmija triq issa li għaddew tliet snin?

15/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntrattur qatt ma beda x-xogħol kif kienet ġiet infurmata l-INDIS. Għalhekk dan ix-xogħol issa ser tieħu ħsiebu l-INDIS.

Seduta 126
24/05/2023

**PJANIJIET LOKALI TA' MALTA U GĦAWDEX – PROĊESS TA' REVIŻJONI**

**8737. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6083 tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar fiex wasal il-proċess biex jiġu riveduti l-Local Plans ta' Malta u Għawdex, fejn dakinhar kien ġie mwieġeb li "x-xogħol fuq ir-reviżjoni komprensiva tal-Pjanijiet Lokali kollha għal Malta u Għawdex kompla għaddej u issa qed ikun hemm focus fuq numru ta' issues li huma ta' natura aktar strateġika u li jinħtieġ ġbir ta' aktar informazzjoni u evalwazzjoni ta' options differenti", jista' l-Ministru jgħid x'sar f'dawn is-snin u jekk il-Local Plans ta' Malta u ta' Għawdex humiex se jiġu riveduti matul is-sena 2023?

15/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar għaddejja bi studji varji, meħtieġa għal reviżjoni tal-Local Plans.

Seduta 126
24/05/2023

**RABAT, GĦAWDEX – PROBLEMA TAT-TRAFFIKU**

**8738. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir mill-Ministeru għal Għawdex biex tittaffa l-problema tat-traffiku fit-toroq tagħna ġewwa Għawdex, speċjalment fil-Belt Victoria, kemm fuq bażi short-term kif ukoll fuq bażi long-term?

15/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li t-traffic management jaqa' taħt Transport Malta, dan il-Ministeru qed jaħdem fuq proġett li jnaqqas it-traffiku miċ-ċentru tal-Belt Victoria billi:
1) Tiġi eleminata l-bottle neck ta' wara s-sur. Il-permess tal-junction ħareġ u qed nistennew l-proċess ta' esproprju.
2) Issir Triq Ġorġ Pisani hekk kif jinqata' l-proċess ta' appell li hemm mal-Awtorità tal- Ippjanar.
3) Jiġi mniedi l-parkeġġ taħt l-art u ġnien estensiv fuqu kif imwiegħed fil-manifest elettorali fiż-żona ta' fejn hemm il-parkeġġ il-kbir.

Seduta 126
24/05/2023

**IL-FONTANA, GĦAWDEX – TRIQ MONS. MIKIEL F. BUTTIGIEG - XOGĦOL**

**8739. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3715 li ġiet imwieġba fit-22 ta' Novembru 2022 dwar meta se jsir ix-xogħol fi Triq Mons Mikiel F. Buttigieg fil-Fontana Għawdex, peress li parti sostanzjali minn din it-triq għadha sal-lum bla wiċċ, fejn kien ġie mwieġeb "beda x-xogħol tal-livellar tat-triq ", jista' l-Ministru jgħid kemm-il xahar ilu li nbeda x-xogħol u għala f'dawn l-aħħar ġimgħat ma tkompla ebda xogħol f'din it-triq? Jista' jgħid meta dan se jitkompla u meta se titlesta minn kollox din it-triq?

15/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qed jistenna d-deċiżjoni tal-PCRB fuq sejħa għall-offerti għal xogħlijiet fuq toroq biex ikun jista' jkompli x-xogħlijiet fuq din it-triq kif ukoll spejgat fil-mistoqsija parlamentari numru 8732.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦAL-GĦAWDEX - STRATEGIC & PRIORITIES UNIT**

**8740. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 2622 u 8362 jista' l-Ministru jgħid kemm ilha mwaqqfa l-iStrategic & Priorities Unit fil-Ministeru għal Għawdex, x'inhu x-xogħol ta' din il-Unit, kemm hemm ħaddiema jaħdmu fiha, x'inhu l-grad tagħhom u taħt liema diviżjoni/direttorat jaqgħu?

15/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iStrategic & Priorities Unit fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ġiet stabbilita u timxi skont il-proċeduri kif indikat fil-Manwal, li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8754. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8553, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendation not implemented: Pavement extension onto parking spaces in Siġġiewi*" datat 31 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8755. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8542 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: two state school teachers were subjected to improper treatment at their place of work*" datat 8 ta' Ġunju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8756. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8543 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Covid health protocol prevented certain LSEs from taking the 15 minutes to break others were entitled to*" datat 5 ta' Lulju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8757. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8544 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Promotion from associate to full Professor and extension of appointment beyond statutory retirement age*" datat 6 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8758. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8545 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not fully accepted: unfair treatment during a scholarship interview*" datat 24 ta' Jannar 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet (jew parti minnhom) ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8759. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8546 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Primary school teacher on a career break not allowed to work temporarily in the private sector*" datat 9 ta' Mejju 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8768. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fi ħdan il-Ministeru tiegħi u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ma hemm l-ebda kuntratti ma' influencers.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8769. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtha għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, tista' għal kull kuntratt tgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-unika entità li għandha kuntratt ma' influencer hija l-Aġenzija Project Green. L-iskop ta' dan il-kuntratt hu li titqajjem kuxjenza dwar is-siti ħodor li tamministra l-aġenzija u anke l-avvenimenti li jsiru fihom. S'issa għadu ma sar l-ebda ħlas.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8770. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħti m'għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8771. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8772. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8773. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-awtoritajiet u aġenziji li jaqgħu taħti m'għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu x-xogħol li qed isir mill-Ministeru jew mill-awtoritajiet u l-aġenziji.

Seduta 126
24/05/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI ADMITTED FUQ ABBUŻ MID-DROGA**

**8824. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il resident ġie admitted fl-Isptar Mount Carmel wara li nstab li kien abbuża minn droga u kien f'overdose?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-isptar Monte Karmeli ma jiġux ammessi persuni b'overdose. Pazjenti b'overdose jiġu riferuti u trattati ġewwa l-Isptar Mater Dei.

Seduta 126
24/05/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI ADMITTED FUQ PROGRAMM DWAR ABBUŻ TA' DROGA**

**8825. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il resident ġie admitted fl-Isptar Mount Carmel fuq programm relatat ma' abbuż ta' droga?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ġewwa Mount Carmel ma hemm l-ebda ammissjoni ta' pazjenti għall-programm relatat ma' abbuż ta' droga.

Seduta 126
24/05/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI ADMITTED FUQ PROGRAMM DWAR ABBUŻ TA' LOGĦOB TAL-AŻŻARD**

**8826. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il resident ġie admitted fl-Isptar Mount Carmel fuq programm relatat ma' abbuż ta' logħob tal-ażżard?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma kien hemm l-ebda ammissjoni f'Mount Carmel relatata ma' abbuż ta' logħob tal-ażżard.

Seduta 126
24/05/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – KAŻIJIET TA' OVERDOSE WAQT LI PAZJENTI KIENU ADMITTED**

**8827. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm każijiet ta' overdose mid-droga waqt li persuna kienet admitted fl-Isptar Mount Carmel f'dawn l-aħħar għaxar snin?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar għaxar snin kien hemm 2 każijiet ta' overdose ġewwa Mount Carmel.

Seduta 126
24/05/2023

**RAPPORTI TA' SUWIĊIDJU**

**8828. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il suwiċidju kien rapportat, sena b'sena, f'dawn l-aħħar għaxar snin? Jista' jgħid x'kienu l-etajiet tal-vittmi ta' suwiċidju?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tabella t'hawn taħt tindika l-informazzjoni mitluba minnu.

| Age Group | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| <25 | 3 | 4 | 3 | 0 | 3 | 1 | 2 | 1 | 5 | 4 |
| 25-34 | 3 | 3 | 9 | 4 | 5 | 8 | 3 | 6 | 6 | 1 |
| 35-44 | 3 | 6 | 5 | 11 | 3 | 4 | 8 | 4 | 8 | 6 |
| 45-54 | 8 | 8 | 7 | 7 | 3 | 2 | 3 | 5 | 5 | 2 |
| 55-64 | 4 | 4 | 8 | 1 | 6 | 3 | 2 | 6 | 7 | 5 |
| 65-74 | 0 | 2 | 2 | 0 | 3 | 3 | 2 | 0 | 3 | 2 |
| >75 | 1 | 5 | 0 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 4 |

Seduta 126
24/05/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI ADMITTED FUQ KAŻ TA' ABBUŻ SESSWALI**

**8829. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk meta jiġu admitted pazjenti fl-Isptar Mount Carmel minħabba każ ta' abbuż sesswali (rape) jintużawx l-istess metodi ta' admission u jkunux trattati fl-istess swali ma' pazjenti li jbatu minn nuqqas ta' saħħa mentali mhux marbuta ma' abbuż sesswali?

16/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi biex persuna tiddaħħal Mount Carmel irid ikun hemm mard psikjatriku.

Seduta 126
24/05/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ĠORĠ MIFSUD CHIRCOP – XOGĦOL**

**8869. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li ssir Triq Ġorġ Mifsud Chircop, f'Ħal Qormi?

17/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**CARERS LI JAGĦMLU S-SAHRA**

**8878. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif jintgħażlu l-carers biex jagħmlu sahra?

17/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illidawk il-Carers li jitolbu li jagħmlu sahra, jiktbu isimhom fuq formola li tinżamm ġewwa l-uffiċċju tal-SNO u jiġu mogħtija prijorità dawk li jkollhom l-inqas numru ta' sigħat maħduma fix-xahar.

Seduta 126
24/05/2023

**CARERS LI JAGĦMLU S-SAHRA**

**8879. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jgħid kif jintgħażlu l-carers biex jagħmlu sahra?

17/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta jkun hemm il-ħtieġa ta' sahra, il-Kapijiet tad-Djar tal-Anzjani tal-Gvern kemm fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u f'San Vinċenz de Paul, jinformaw lil dawk il-carers li huma lesti li jaħdmu s-sahra biex jivverifikaw li l-carers huma disponibbli li jaħdmu dawk is-sigħat f'dik il-ġurnata meħtieġa. Kull impjegat jingħata l-istess ċans skont id-disponibbiltà li joffri biex ikun hemm trattament ugwali.

Seduta 126
24/05/2023

**CARERS IMPJEGATI DIRETTAMENT MAL-GVERN – KORS TA' SENTEJN**

**8880. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-carers li huma Third Country Nationals (TCN) u dawk il-carers li jaħdmu permezz ta' aġenzija tax-xogħol humiex se jkollhom jagħmlu l-kors ta' sentejn li qed jiġi introdott u li hu obbligatorju għal carers impjegati direttament mal-Gvern?

17/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kors ta' sentejn li qed jirreferi għalih mhux obbligatorju.

Seduta 126
24/05/2023

**CARERS IMPJEGATI DIRETTAMENT MAL-GVERN – KORS TA' SENTEJN**

**8881. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-carers Third Country Nationals (TCN) u dawk il-carers li jaħdmu permezz ta' aġenzija tax-xogħol humiex se jkollhom jagħmlu l-kors ta' sentejn li qed jiġi introdott u li hu obbligatorju għal carers impjegati direttament mal-Gvern?

17/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 8880.

Seduta 126
24/05/2023

**INDIVIDWI LI DDIKJARAW DĦUL**

**8896. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm individwi li ddikjaraw dħul ta' iktar minn €100,000 fis-sena 2021? Jista' jagħti break down skont il-lokalitajiet?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont l-informazzjoni li għandu l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, hemm 4,900 individwu li għandhom indirizz lokali u li għas-sena 2021 iddikjaraw dħul ta' aktar minn €100,000.

Il-lokalitajiet ta' dawn l-individwi huma skont it-tabella indikata hawn taħt:

| | |
|---|---|
| ATTARD | 240 |
| BAHAR IĊ-ĊAGĦAQ | 10 |
| BALZAN | 102 |
| BIRGU | 10 |
| BIRKIRKARA | 190 |
| BIRŻEBBUĠA | 38 |
| BORMLA | 5 |
| BURMARRAD | 10 |
| DINGLI | 25 |
| FGURA | 29 |
| FLORIANA | 34 |
| FONTANA | 3 |
| GĦAJNSIELEM | 13 |
| GĦARB | 8 |
| GĦARGĦUR | 68 |
| GĦASRI | 2 |
| GĦAXAQ | 24 |
| GUDJA | 19 |
| GŻIRA | 79 |
| ĦAMRUN | 21 |
| IKLIN | 64 |
| ISLA | 2 |
| KALKARA | 19 |
| KERĊEM | 4 |
| KIRKOP | 14 |
| LIJA | 75 |
| LUQA | 45 |
| MADLIENA | 31 |
| MARSA | 14 |
| MARSALFORN | 5 |
| MARSASKALA | 118 |
| MARSAXLOKK | 30 |
| MDINA | 12 |
| MELLIEĦA | 150 |
| MĠARR | 38 |
| MOSTA | 229 |
| MQABBA | 36 |
| MRIEĦEL | 19 |
| MSIDA | 94 |
| MTARFA | 17 |
| MUNXAR | 4 |
| NADUR | 17 |
| NAXXAR | 330 |
| PAOLA | 16 |
| PEMBROKE | 38 |
| PIETA' | 29 |
| QALA | 11 |
| QORMI | 79 |
| QRENDI | 23 |
| RABAT | 157 |
| RAĦAL ĠDID | 5 |
| SAFI | 9 |
| SAN ĠILJAN | 294 |
| SAN ĠWANN | 185 |
| SAN LAWRENZ | 4 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 128 |
| SANNAT | 4 |
| SANTA LUĊIJA | 10 |

| | |
|---|---|
| SANTA VENERA | 38 |
| SIĠĠIEWI | 84 |
| SLIEMA | 526 |
| SWATAR | 5 |
| SWIEQI | 354 |
| TA' XBIEX | 90 |
| TARXIEN | 35 |
| VALLETTA | 105 |
| VICTORIA | 5 |
| VITTORIOSA | 2 |
| XAGĦRA | 26 |
| XEMXIJA | 4 |
| XEWKIJA | 10 |
| XGĦAJRA | 12 |
| ŻABBAR | 59 |
| ŻEBBUĠ | 133 |
| ŻEJTUN | 59 |
| ŻURRIEQ | 64 |

Seduta 126
24/05/2023

**KUMPANIJI LI DDIKJARAW PROFITT**

**8897. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kumpaniji li ddikjaraw profitt ta' iktar minn €100,000, iktar minn €500,000 u iktar minn €1 miljun fis-sena 2021?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tabella, t'hawn taħt, turi n-numru ta' kumpanniji li fid-dikjarazzjoni tat-taxxa għas-sena 2021 iddikjaraw profitt qabel it-taxxa ta' iktar minn €100,000, iktar minn €500,000 u iktar minn €1 miljun:

| | |
|---|---|
| Iktar minn 100,000 | 1,139 |
| Iktar minn 500,000 | 308 |
| Iktar minn 1,000,000 | 546 |

Seduta 126
24/05/2023

**MFSA – ĦADDIEMA LI RRIŻENJAW**

**8898. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw ħaddiema mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), sena b'sena, mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:
2013 – 8
2014 – 14
2015 – 9
2016 – 33
2017 – 34
2018 – 56
2019 – 42
2020 – 37

2021 – 74
2022 – 72
2023 – 25

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U XOGĦOL – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8899. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 126
24/05/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8900. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-informazzjoni mitluba minnu.

Seduta 126
24/05/2023

**RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**8918. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kif qed tinħadem ir-rifużjoni tat-taxxa li qed tingħata? Jista' jgħid ukoll min hu eleġibbli u kif jiġi kkalkolat l-ammont?

17/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 126
24/05/2023

**PORT TAL-IMĠARR – DGĦAJJES REĠISTRATI "S" LI NGĦATAW IRMIĠĠ**

**8919. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati "S" ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr bejn:
Jannar 2022 - April 2022;
Mejju 2022 - Awwissu 2022;
Settembru 2022 - Diċembru 2022; u
Jannar 2023 - April 2023?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**IL-FGURA – GĦASSA TAL-PULIZIJA – DELITTI, SERQ U FRODI RRAPPURTATI**

**8947. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura kenitx qiegħda tkun il-ħin kollu miftuħa tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-għassa tal-Pulizija tal-Fgura hi miftuħa kuljum skont kif l-esiġenzi tas-servizz hekk jiddettaw. Hemm uffiċċju ieħor għall-pulizija tal-komunità fl-istess lokalità. Ukoll, mal-għassa hemm installata sistema ta' intercom, li permezz tagħha l-pubbliku jista' jikkomunika mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, għall-kull assistenza. Dan barra illi din il-lokalità hija koperta u tintlaħaq mir-ronda regulari li ssir min membri tal-RIU, permezz tal-vetturi tagħhom, kif ukoll dawk tad-distrett skond il-ħtieġa. Għal din il-lokalità fis-sena 2022 kien hemm irrapurtati mitejn u sitta u sebgħin rapport, li minnhom ħamsa u għoxrin kienu marbuta ma' frodi u sebgħin kienu marbuta ma' serq.

Seduta 126
24/05/2023

**MARSAXLOKK – GĦASSA TAL-PULIZIJA – DELITTI, SERQ U FRODI RRAPPURTATI**

**8948. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsaxlokk kenitx qiegħda tkun il-ħin kollu miftuħa tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi f'Marsaxlokk mill-bini allokat topera l-Pulizija tal-Komunità. Ukoll, fil-post hemm istallata sistema ta' intercom, li permezz tagħha l-pubbliku jista' jikkomunika mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, għall-kull assistenza. Dan barra illi din il-lokalità hija koperta u tintlaħaq mir-ronda regulari li ssir minn membri tal-RIU, permezz tal-vetturi tagħhom, kif ukoll dawk tad-distrett skont il-ħtieġa u disponibilità. Għal din il-lokalità fis-sena 2022 kien hemm irrappurtati mija u sbatax-il delitt, li minnhom tnax kienu marbuta ma' frodi u tlieta u erbgħin kienu marbuta ma' serq.

Seduta 126
24/05/2023

**RAĦAL ĠDID – GĦASSA TAL-PULIZIJA – DELITTI, SERQ U FRODI RRAPURTATI**

**8949. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fl-Għassa ta' Raħal Ġdid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat għal lokalità ta' Raħal Ġdid ġew irrappurtati erba' mija u sitta u erbgħin delitt fis-sena 2022, li minnhom tletin kienu marbuta ma' frodi u mija u disa u erbgħin kienu rapporti ta' serq.

Seduta 126
24/05/2023

**IŻ-ŻEJTUN – GĦASSA TAL-PULIZIJA – DELITTI, SERQ U FRODI RRAPURTATI**

**8950. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fl-Għassa taż-Żejtun kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat għal lokalità taż-Żejtun ġew irrappurtati tliet mija u sitta u għoxrin delitt fis-sena 2022, li minnhom disgħa u għoxrin kienu marbuta ma' frodi u mija u erbgħa u għoxrin kienu rapporti ta' serq.

Seduta 126
24/05/2023

**WIED IL-GĦAJN – GĦASSA TAL-PULIZIJA – DELITTI, SERQ U FRODI RRAPURTATI**

**8951. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fl-Għassa ta' Wied il-Għajn kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat għal lokalità ta' Wied il-Għajn ġew irrappurtati tliet mija u tnejn u tletin delitt fis-sena 2022, li minnhom erba' u tletin kienu marbuta ma' frodi u sebgħa u tmenin kienu rapporti ta' serq.

Seduta 126
24/05/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE - XOGĦLIJIET**

**8952. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1390, 1657, 2056, 2928, 4461, 5066, 5165 u 6362 jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi forma ta' żvilupp fuq ix-xogħol neċessarju fil-Pjazza Antoine de Paule f'Raħal Ġdid fid-dawl li din is-sitwazzjoni issa ilha pendenti s-snin u jindika meta se jibda jsir ix-xogħol neċessarju f'din il-pjazza ?

18/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**WSC – XOGĦLIJIET MIR-ROUNDABOUT TAS-SALINI LEJN IN-NAXXAR**

**8974. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għax-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li għaddejjin bħalissa mir-roundabout tas-Salini, Naxxar, lejn in-Naxxar, tista' l-Ministru tikkonsidra li tinfetaħ għat-traffiku karreġġjata waħda sakemm ix-xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru jippermettu dan u dan sabiex possibbilment titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku li qiegħed ikun hemm fiż-żona speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu?

18/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-arranġament suġġerit minnha kien ġie kkunsidrat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma imma rriżulta li ma setax jiġi attwat, primarjament minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Dan ġie stabbilit fi studji li l-Korporazzjoni għamlet flimkien m'entitajiet oħra responsabbli mill-immaniġġjar tat-traffiku kif ukoll bl-użu ta' trial pits qabel ma nbdew ix-xogħlijiet fuq is-sit.

It-trinka li hija fonda 1.2 metri tinsab kważi f’nofs it-triq u minħabba li hemm servizzi oħrajn għaddejjin taħt il-wiċċ tat-triq il-pożizzjoni tat-trinka mhijiex dejjem fid-dritt. Barra minn hekk, il-parti tat-triq li mhix imħaffra qiegħda tintuża mill-inġenji u l-makkinarju sabiex isir xogħol ta’ tħaffir, ġarr, kif ukoll jitniżżlu l-pajpijiet u jingħata l-konkos fuq il-partijiet li jkunu lesti. Il-Korporazzjoni qiegħda taħdem id f’id mal-kuntrattur sabiex ir-rata tax-xogħol tkun massimizzata. Dan jixhdu l-fatt li s’issa diġà tqiegħdu aktar minn 800 metru ta’ mejnijiet tal-ilma ġodda f’din it-triq.

Il-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma qed tagħmel dan il-proġett b’investiment ta’ €3.5 miljun biex ittejjeb sostanzjalment in-netwerk ewlieni tad-distribuzzjoni tal-ilma għax-xorb li jforni eluf ta’ klijenti f’lokalitajiet differenti fin-naħa ta’ fuq ta’ Malta. Dan il-proġett huwa meħtieġ biex jissodisfa t-talbiet attwali u futuri tal-ekonomija u l-popolazzjoni li qed tikber ta' dan ir-reġjun, u biex jindirizza t-tħassib dwar pressjoni baxxa tal-ilma.

Seduta 126
24/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL MARBUT MAN-NEW WATER**

**8975. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6369 dwar xogħol marbut man-new water fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar, fejn intqal li x-xogħlijiet relatati mal-proġett fi Triq Għajn Tuffieħa kienu mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Marzu, tista' l-Ministru tgħid fiex waslu dawn ix-xogħlijiet?

18/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi għat-tweġiba li tajt lill-Onor. Interpellanta għall-mistoqsija parlamentari 8377, ninsab infurmata li t-tqegħid tal-mejnijiet relatati mal-ewwel fażi huwa lest. Għalkemm il-pjan oriġinali kien li wara li jsiru l-mejnijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kellu jingħata l-asfalt lill-wiċċ tat-triq b’mod komplut minn entità oħra, dan ix-xogħol ġie pospost għal iktar tard matul din is-sena. Għaldaqstant, il-Korporazzjoni ddeċidiet li fil-jiem li ġejjin jingħata l-asfalt fuq il-wiċċ tat-trinka li saret.

Seduta 126
24/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL MARBUT MAN-NEW WATER**

**8976. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6369 dwar xogħol marbut man-new water fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar, fejn intqal li l-proġett fi Triq Għajn Tuffieħa kellu jitlesta sal-aħħar ta' Marzu, u peress li dan għadu mhux lest u s-sitwazzjoni preżenti f’din it-triq hija ta’ periklu kbir minħabba li għad hemm partijiet miksijin bil-konkos u minħabba fihom sewwieqa qed ikollhom imorru n-naħa l-oħra tat-triq, tista’ l-Ministru tieħu l-azzjoni neċessarja sabiex il-periklu kontinwu li sseħħ xi traġedja f’din it-triq jitneħħa?

18/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8975.

Seduta 126
24/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IL-KONZ – ARBLU TAD-DWL**

**8977. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-arblu li jidher fir-ritratt li qed jintbagħat separatament u li jinsab fi Triq il-Konz, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tara x’inhi l-possibilità li dan l-arblu jitneħħa u li s-servizzi, inkluż tad-dawl, li qegħdin jgħaddu permezz ta' dan l-arblu jsiru taħt it-triq?

18/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li l-arblu li jidher fir-ritratt qed jipprovdi l-provvista tad-dawl lil numru ta' residenti fi Triq il-Konz. Biex isir dak li qed tipproponi l-Onor. Interpellanta, l-Enemalta jkollha tidħol fi proprjetà privata biex twaħħal il-brackets u l-wires mal-faċċati tad-djar.

Kif isir f'kull każ simili, l-Enemalta tkun lesta tgħaddi l-cables u l-linji f'culvert taħt l-art jekk dan jiġi provdut mill-proprjetarji tul il-medda tat-triq u anke fil-parapetti tagħhom. Anke jekk isir hekk, teknikament xorta jkun jinħtieġ li jkun hemm feeder pillar (kaxxa tad-dawl) għat-terminazzjoni tal-cables u tkun trid tinstab soluzzjoni kif il-cables għall-meters tad-dawl jidħlu fid-djar tan-nies minn taħt l-art.

Seduta 126
24/05/2023

**PALAZZ TA' SELMUN - XOGĦLIJIET**

**8978. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8670 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3452, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li ġie approvat imsemmi fit-tweġiba għal din il-mistoqsija fuq il-Palazz ta' Selmun, Mellieħa, u allura applikazzjonijiet PA4631/93, DS00130/18 u DS00246/20, twettaqx, u dan għal kull applikazzjoni?

18/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 126
24/05/2023

**FTZF – SAN ĠILJAN – SPIŻA**

**8991. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa mill-Foundation for Tourism Zone Development (FTZD) minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari ġewwa San Ġiljan?

19/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2022 l-Aġenzija tar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan u d-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu, wettqet xogħlijiet f'San Ġiljan fosthom il-manutenzjoni tar-railings mill-Bajja ta' Spinola sal-Bajja tal-Balluta, kif ukoll ir-railings madwar l-istatwa ta' Kristu Re.
Barra minn hekk, kemm fl-2022 kif ukoll din is-sena, l-Aġenzija flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, tieħu ħsieb il-Bajja ta' San Ġorġ li hija Blue Flag Beach kif ukoll il-Bajja tal-Balluta. L-interventi jinkludu l-provvista ta' showers, walkways, bins, slielem u sorveljanza ta' dawn il-bajjiet, inkluż lifeguards.
L-Aġenzija tassisti lill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, u tinsab f'kuntatt regolari ma' stakeholders oħrajn, fejn jidħlu interventi meħtieġa fuq sinjali tat-toroq, tiswijiet ta' bankini u infrastruttura ġenerali.
L-Aġenzija qiegħda wkoll tagħti l-appoġġ tagħha lill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fil-:
· manutenzjoni tas-soft area mill-Monument tal-LOVE saż-żona tan-Neptunes,
· titjib tal-playfield f'Ta' Giorni (180sq.m.),
· ipprovdiet koordinazzjoni u appoġġ finanzjarju waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' San Patrizju,
· impenjat ruħha biex tibdel l-arbli tad-dawl f'Xatt is-Sajjieda, u
· se tipprovdi assi ġodda fuq il-bajja għall-perjodu tas-sajf 2023.
Dawn l-interventi mistennija jiswew madwar €20,000.
Barra minn hekk, l-Aġenzija idduskutiet mal-Kunsill Lokali l-upgrading totali ta' Paceville Avenue li jinkludi servizzi u finituri. Dan il-proġett huwa mmexxi minn Infrastructure Malta u Water Services Corporation.
Proġett ieħor, fuq skala ikbar, huwa d-disinn mill-ġdid u l-upgrading ta' Ġnien Spinola li huwa ppjanat li jsir spazju miftuħ kbir għal networking u avvenimenti kulturali u soċjali.
Il-proġetti msemmija huma stmati li se jiswew aktar minn €6 miljun.
L-Aġenzija għandha relazzjoni eċċellenti mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan.

Seduta 126
24/05/2023

**SAN ĠILJAN – SPINOLA – XOGĦLIJIET TA' RIĠENERAZZJONI**

**8992. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 8567, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid meta se jibdew ix-xogħlijiet b'rabta mar-riġenerazzjoni tal-pjazza/ġnien ta' Spinola?

19/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li, fir-rigward taż-żona li qed jirreferi għaliha l-Onor. Interpellant, preċiżament fi Triq Paceville San Ġiljan, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġiet ikkonsultata dwar bdil ta' servizzi li ried isir waqt xogħlijiet oħra li se tagħmel Infrastructure Malta. Min-naħa tagħha l-Korporazzjoni identifikat il-ħtieġa li jinbidel il-main tad-drenaġġ u għal dan il-għan qed tħejji method statement li se jiġi sottomess lil Infrastructure Malta fil-jiem li ġejjin. Ix-xogħlijiet infushom imbagħad se jitwettqu minn Infrastructure Malta.

Seduta 126
24/05/2023